**Qorti Kriminali**

**Imhallef**

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.**

**Att ta' Akkuza**
**Nru: 11/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Omissis**
**John Bartolo**
**Omissis**

**Ilum, 14 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 11/2000.

Semghet lill-akkuzat John Bartolo fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2001, jammetti l-unika akkuza dedotta kontrih, cioe' dik taht is-Seba' Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni hu baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu skond il-ligi.

Tiddikjara lill-John Bartolo hati taht dan l-uniku Kap li hemm kontrih, is-Seba' Kap, u cioe' talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Rat l-atti processwali dettaljatament u specjalment biex tara ezattament x'kien, u f'hiex kien jikkonsisti l-involviment u partecipazzjoni tal-hati John Bartolo f'dan id-delitt lilu addebitat.

Rat l-Artikoli 9, 10 (1), 12, 14 (1) (5), 15 A, 20, 22 (1) (a) (f) (aA) (aB) (2) (a) (i) (3A) (c) (d), 22 (f) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9.

Semghet lill-istess hati John Bartolo bil-gurament, kif ukoll lix-xhieda minnu prodotti, ghall-fini tal-piena.

Semghet lill-Avukat Prosekutur u lill-Avukat Difensur tal-hati jitrattaw dwar il-piena.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

***<u>IKKUNSIDRAT:</u>***

***1. L-ammissjoni tal-hati ghall-unika akkuza dedotta kontrih fi stadju ta' dawn il-proceduri meta ghadu ma giex furmat il-guri, u b'hekk gew iffrankati hin u spejjes.***

***2. L-involviment u partecipazzjoni ferm minima w marginali tal-hati fl-atti addebitati lilu.***

***3. L-istat mentali tal-hati li ghandu storja medika ta' hafna snin bi problema psikjatrika tant li anke illum jinsab taht il-kura regolari w kostanti tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri.***

***4. L-eta' tal-hati li hu ragel ta' mezz' eta' u l-uniku "breadwinner" tal-familja tieghu konsistenti f'martu, hu stess, u zewg uliedu.***

***5. Il-fedina penali tal-hati piuttost nadifa.***

***6. Iz-zmien li ilu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, cioe' minn Lulju, 1999.***

***<u>Ikkunsidrat ukoll</u>, u dan kif jirrizulta mil-provi, illi ghalkemm il-hati gie akkuzat biss li assocja ruhu ma' ohrajn biex tigi mportata d-droga f'Malta, il-partecipazzjoni minima tieghu f'din l-attivita' kienet dovuta ghall-ingann li wettaq fuqu ibnu stess meta gieghlu jemmen li din l-importazzjoni illegali kienet ta' deheb u mhux ta' droga, b'dan pero' li din ic-cirkostanza ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss ghal dak li jirrigwarda l-piena. Jigi rilevat hawnhekk li ai termini ta' l-Artikolu 26 (2) tal-Kap. 101, anke jekk il-hati tassew genwinament haseb u emmen li dik l-importazzjoni illegali kienet tikkoncerna biss xi deheb, u qatt xi droga, kif fil-fatt wara rrizulta li kienet fir-realta', ir-reat li hu akkuzat bih, dik ta' assocjazzjoni biex tigi mportata d-droga, xorta teknikament gie kommess minnu w hu jibqa' kriminalment responsabbli ghal din il-partecipazzjoni tieghu f'dik l-importazzjoni illegali tad-droga.***

Qieset kull cirkostanza ohra li thoss rilevanti.

Tiddeciedi ghalhekk billi tikkundanna lill-hati John Bartolo ghall-piena karcerarja ta' erba snin u nofs (4 1/2) bit-tnaqqis taz-zmien li hu ilu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, kif ukoll ghall-Multa ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) konvertibbli fi tlett (3) xhur prigunerija ohra jekk din ma tithallasx skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra, sakemm dawn jippartjenu lill-hati John Bartolo. Ghal kull buon fini il-Qorti tordna li ghandhom jigu eskluzi minn din l-ordni d-dar residenzjali w matrimonjali tal-hati li qeda f'numru 22, "Beaumont", Triq l-Italja, Naxxar, id-dokument NH7 li jikkonsisti f'ammont ta' flus kontanti Lm490 li jappartjenu lill-Allison Bartolo, bint il-hati, il-mobile phone NOKIA, numru 09424028 formanti parti mid-Dokument NH9, li hu ukoll propjeta' ta' l-imsemmija Allison Bartolo, u l-vettura Fiat Uno, numru DAO 076 li hi ukoll propjeta' ta' l-istess Allison Bartolo.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' Lm194.40c, liema ammont hu sehmu mill-ispejjes peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Fl-ahhar nett, tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jiddistruggi d-droga kollha esebita f'dawn il-proceduri, u wara li jaghmel hekk, hu ghandu jirredigi Process Verbal u jipprezentah f'dawn l-atti.  Dan l-espert ghandu jesegwixxi dan l-inkarigu immedjatament ammenoche' l-Avukat Generali, fi zmien tlett tijiem mil-lum, ma jipprezentax nota quddiem din il-Qorti fejn jinfurmaha li tali distruzzjoni tad-droga ma ssirx ghalissa ghaliex ikun jirrikjediha bhala evidenza f'xi proceduri ohra relatati.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur